IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.11.2020
COM(2020) 771 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar in-nefqa tal-FAEG

Sistema ta' Twissija Bikrija Nru 7-10/2020

Werrej

1. IL-PROĊEDURA TAL-BAĠIT TAL-FAEG TAL-2020 2

2. ID-DĦUL ASSENJAT GĦALL-FAEG 2

3. KUMMENTI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI PROVIŻORJA TAL-BAĠIT TAL-FAEG GĦALL-2020 3

3.1. Miżuri tas-suq 3

3.2. Pagamenti diretti 4

4. IMPLIMENTAZZJONI TAD-DĦUL ASSENJAT GĦALL-FAEG 4

5. KONKLUŻJONIJIET 5

ANNESS 1: KONSUM PROVIŻORJU TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TAL-FAEG SAL-31/08/2020

1. IL-PROĊEDURA TAL-BAĠIT TAL-FAEG TAL-2020

Fis-27 ta' Novembru 2019, il-Parlament Ewropew adotta l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għall-2020. Għall-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG), il-baġit kien jinkludi approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament ta' EUR 43 410 miljun u EUR 43 380 miljun rispettivament għall-pagamenti diretti u għan-nefqa relatata mas-suq.

Ir-raġuni għall-ammonti differenti għaż-żewġ tipi ta' approprjazzjonijiet hija l-użu ta' approprjazzjonijiet differenzjati għal ċerti miżuri implimentati direttament mill-Kummissjoni. Dawn huma prinċipalment relatati ma' miżuri ta' promozzjoni għal prodotti agrikoli u ma' miżuri ta' strateġija politika u ta' koordinazzjoni.

2. ID-DĦUL ASSENJAT GĦALL-FAEG

Abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, id-dħul li joriġina minn korrezzjonijiet finanzjarji skont deċiżjonijiet dwar il-kontabbiltà u l-approvazzjoni tal-konformità, kif ukoll minn irregolaritajiet, jikkostitwixxi dħul assenjat għall-finanzjament tan-nefqa tal-FAEG.

Skont dawn id-dispożizzjonijiet, id-dħul assenjat jista' jkopri l-ħtiġijiet ta' finanzjament ta' kwalunkwe nefqa tal-FAEG. Kwalunkwe parti minn dan id-dħul li tibqa' ma tintużax matul is-sena baġitarja tiġi riportata awtomatikament għas-sena baġitarja ta' wara[1].

Il-baġit tal-FAEG tal-2020 jinkludi:

- l-istimi l-aktar reċenti tal-Kummissjoni tal-ħtiġijiet ta' finanzjament għall-miżuri tas-suq u għall-pagamenti diretti,
- l-istimi tad-dħul assenjat li jrid jinġabar matul is-sena baġitarja,
- u r-riportar tal-bilanċ tad-dħul assenjat li jkun fadal mis-sena baġitarja ta' qabel.

Fil-proposta tagħha għall-approprjazzjonijiet tal-baġit tal-FAEG tal-2020, il-Kummissjoni qieset id-dħul assenjat totali mistenni u, għall-baġit tal-2020, talbet livell ta' approprjazzjonijiet ikkalkulat billi l-istima tad-dħul assenjat titnaqqas mill-istima tal-ħtiġijiet. L-Awtorità tal-Baġit adottat il-baġit tal-FAEG filwaqt li qieset id-dħul assenjat mistenni.

Meta ġie stabbilit il-baġit tal-2020, l-istimi tal-Kummissjoni għad-dħul assenjat disponibbli kienu jammontaw għal EUR 1 071 miljun, li kienu magħmulin minn dawn li ġejjin:

- id-dħul assenjat li mistenni jiġi ġġenerat matul is-sena baġitarja tal-2020, li huwa stmat li jammonta għal EUR 719 miljun (EUR 592 miljun mill-korrezzjonijiet tal-approvazzjoni tal-konformità, u EUR 127 miljun mill-irregolaritajiet);
- id-dħul assenjat li jrid jiġi riportat mill-2019, li kien stmat għal EUR 352 miljun.

[1] L-Artikolu 12(4)(b) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, jiddetermina li l-approprjazzjonijiet li jikkorrispondu għad-dħul assenjat intern jistgħu jiġu riportati biss għas-sena finanzjarja ta' wara. Għalhekk, fl-interessi ta' ġestjoni soda tal-baġit, dan id-dħul assenjat ġeneralment jintuża l-ewwel, qabel l-approprjazzjoni vvotata tal-artikolu baġitarju kkonċernat.

Il-Kummissjoni assenjat dan id-dħul stmat ta' EUR 1 071 miljun għall-iskemi li ġejjin, kif ġej:

- EUR 150 miljun ġew assenjati lill-fondi operazzjonali għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-settur tal-frott u tal-ħaxix; u
- EUR 921 miljun ġew assenjati lill-iskema ta' pagament bażiku.

It-total tal-approprjazzjonijiet ivvotati u tad-dħul assenjat għal dawn l-iskemi jikkorrispondi għal:

- EUR 849 miljun għall-fondi operazzjonali għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-settur tal-frott u tal-ħaxix, u
- EUR 17 038 miljun għall-iskema ta' pagament bażiku.

Fl-anness, li jippreżenta l-implimentazzjoni proviżorja tal-baġit għall-2020, iċ-ċifri tal-approprjazzjonijiet baġitarji fil-livell tal-artikoli għall-frott u l-ħxejjex u għall-pagamenti diretti diżakkoppjati, ma jqisux id-dħul assenjat imsemmi hawn fuq. Huma jippreżentaw approprjazzjonijiet ivvotati għal dawn l-artikoli li jammontaw għal EUR 700.5 miljun u għal EUR 34 574 miljun rispettivament.

Wara li jiġi inkluż id-dħul assenjat għal dawn l-artikoli, l-ammonti totali previsti fil-baġit tal-2020 huma ta' EUR 850.5 miljun għas-settur tal-frott u tal-ħaxix u ta' EUR 35 495 miljun għall-pagamenti diretti diżakkoppjati.

3. KUMMENTI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI PROVIŻORJA TAL-BAĠIT TAL-FAEG GĦALL-2020

L-anness ta' dan ir-rapport jippreżenta l-implimentazzjoni proviżorja tal-baġit għall-perjodu bejn is-16 ta' Ottubru 2019 u l-31 ta' Awwissu 2020. It-tqabbil qed isir bejn il-livell ta' implimentazzjoni u l-profil tan-nefqa tas-Sistema ta' Twissija Bikrija (STB) li ġiet stabbilita f'konformità mal-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

3.1. Miżuri tas-suq

L-użu tal-approprjazzjonijiet għall-interventi fis-swieq agrikoli b'kollox kien aktar baxx mill-approprjazzjonijiet b'EUR 110 miljun milli mistenni bl-użu tal-profil tal-konsum.

Għall-artikolu baġitarju 05 02 08 – Frott u ħxejjex, l-implimentazzjoni tal-baġit, primarjament fir-rigward tal-fondi operazzjonali għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi, hija kważi EUR 110 miljun ogħla mill-profil tan-nefqa. Flimkien mad-dħul assenjat ta' EUR 150 miljun li tqies għal dan l-artikolu meta ġie adottat il-baġit għall-2020, il-mudell ta' implimentazzjoni kważi jaqbel mal-profil storiku.

Għall-artikolu baġitarju 05 02 09 – Prodotti tas-settur vinikolu, il-profil tan-nefqa diġà jqis li n-nefqa hija kkonċentrata lejn tmiem is-sena finanzjarja. In-nefqa ddikjarata s'issa hija ta' EUR 150 miljun inqas mill-profil. Id-diverġenza titqies li hija temporanja u huwa mistenni li n-nefqa finali se tkun qrib l-ammont ibbaġitjat,

għalkemm għad hemm inċertezzi dwar l-użu reali tal-flessibilitajiet ipprovduti b'rispons għall-pandemija tal-COVID-19[2].

Għall-artikolu baġitarju 05 02 18 – L-iskemi tal-iskejjel, l-implimentazzjoni fit-tmiem t'Awwissu 2020 kienet madwar EUR 34 miljun lura mill-profil. In-nefqa finali sal-aħħar tas-sena finanzjarja hija mistennija tibqa' kemxejn taħt l-ammont ibbaġitjat, li primarjament jirrifletti r-riperkussjonijiet prattiċi li nqalgħu minħabba l-pandemija tal-COVID-19 għall-implimentazzjoni ta' din l-iskema.

3.2. Pagamenti diretti

Sal-aħħar ta' Awwissu 2020, l-użu tal-approprjazzjonijiet għall-pagamenti diretti kien kemxejn ogħla milli mbassar taħt il-profil tan-nefqa.

Għall-artikolu baġitarju 05 03 01 – Pagamenti diretti diżakkoppjati, in-nefqa ddikjarata hija EUR 829 miljun 'il quddiem mill-profil. Madankollu, meta jitqies id-dħul assenjat stmat disponibbli għall-artikolu, jiġifieri EUR 921 miljun, il-mudell ta' implimentazzjoni jaqbel kompletament mal-profil storiku.

In-nefqa għall-iskema ta' pagament bażiku kienet kemxejn ogħla milli mistenni skont il-profil tal-konsum filwaqt li n-nefqa għall-iskema ta' pagament uniku skont l-erja u l-pagament għal prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent kienet kemxejn taħt il-profil.

Għall-artikolu baġitarju 05 03 02 – Pagamenti diretti oħra, in-nefqa ddikjarata hija konformi mal-profil.

4. IMPLIMENTAZZJONI TAD-DĦUL ASSENJAT GĦALL-FAEG

It-tabella fl-anness turi li sa tmiem Awwissu 2020 kien inġabar dħul assenjat li jammonta għal EUR 460.9 miljun, b'mod partikolari:

- id-dħul mill-korrezzjonijiet ibbażati fuq deċiżjonijiet dwar il-kontabbilità u l-approvazzjoni tal-konformità kien jammonta għal EUR 343.2 miljun, b'ammonti addizzjonali mistennija li jinġabru matul is-sena baġitarja;
- id-dħul mill-irregolaritajiet kien jammonta għal EUR 115.8 miljun b'xi ammonti addizzjonali mistennija sa tmiem is-sena baġitarja, u
- xi dħul li kien għad fadal jinġabar mill-imposta fuq il-ħalib li kien jammonta għal EUR 1.9 miljun.

Fl-aħħar nett, l-ammont ta' dħul assenjat riportat mill-2019 għall-2020 kien jammonta għal EUR 348.2 miljun, li huwa kważi EUR 4 miljun inqas milli mistenni meta ġie adottat il-baġit għall-2020.

Għalhekk, l-ammont totali tad-dħul assenjat disponibbli fil-31 ta' Awwissu 2020 għall-finanzjament tan-nefqa tal-FAEG kien ta' EUR 809.1 miljun, b'ammonti addizzjonali mistennija jinġabru matul is-sena baġitarja.

[2] Ir-Regolamenti Delegati tal-Kummissjoni (UE) 2020/592 u (UE) 2020/884 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/600

5. KONKLUŻJONIJIET

L-implimentazzjoni proviżorja tal-approprjazzjonijiet baġitarji tal-FAEG tal-2020 għall-perjodu sal-31 ta' Awwissu 2020, turi li r-rimborżi ta' kull xahar lill-Istati Membri huma ogħla mill-profil tal-konsum ikkalkulat b'EUR 682.2 miljun.

Ammont ta' EUR 809.1 miljun ta' dħul assenjat huwa diġà disponibbli, u huwa mistenni l-ġbir ta' xi ammonti addizzjonali matul is-sena baġitarja.

Fil-preżent, il-Kummissjoni tistenna li l-approprjazzjonijiet ivvotati flimkien mad-dħul assenjat li se jkunu disponibbli sa tmiem is-sena baġitarja se jintużaw kollha. Il-Kummissjoni pproponiet tisħiħ ta' EUR 48.7 miljun għall-FAEG bl-Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 10/2020. It-tisħiħ propost huwa bbażat fuq l-eżekuzzjoni sal-aħħar ta' Awwissu u l-previżjonijiet sal-aħħar tas-sena finanzjarja 2020 tal-FAEG. Għalhekk, il-Kummissjoni tistma li mhu se jkun hemm l-ebda dħul assenjat disponibbli biex jiġi riportat mill-baġit tal-2020 għall-baġit tal-2021.